

# Ħames Innijiet Dedikati lil Santa Katarina VM

kitba ta' Alfred Massa



Dun Mikiel Cassar

Niftakar li fi tfuliti missieri ta' kull sena kien iġibni ż-Żejtun għall-festa ta' Santa Katarina. Konna niġu kemm filgħodu għall-quddiesa kantata kif ukoll wara nosinhar għall-purċissjoni. Ġieli ġejna lejliet il-festa għat-traslazzjoni wkoll. Konna niġu bil-mixi u nerġgħu lura bil- mixi peress li min Ħal Tarxien għaż-Żejtun ma tantx hawn bogħod. Imma missieri kien dejjem jgħidli li ż-Żwieten jafu jagħmlu festa kbira u barra min hekk il-lewn aħmar ta' l-apparat, tat-tużell u fuq l-altari kien jisraq l-għajn.

Din is-sena l-Belt Beland qiegħda tfakkar is-sbatax-il mitt sena ta' Katarina Verġni u Martri. Katarina twieldet Lixandra u f'żogħożitha ppruvat turi permezz ta' l-istudji tagħha kif il-fidi u l-arti jistgħu jimxu flimkien. Ta' 18-il sena hija ċanfret lill-Imperatur Maximinus għall-mod aħrax u kattiv li kien qed jimxi bih ma' l-insara.

Maximinus sejjaħ lill-għorrief ta' madwaru u talabhom jgħinuh biex iġiegħel lil dik it-tfajla taqa' fl-adolatrija. Iżda mhux talli ma rnexxilux il-ħsieb ta' moħħu talli Katarina rnexxiela tikkonverti lil uħud minn dawk l-istess għorrief. Dan jurina ċar li Alla dejjem jieqaf ma' dawk li jħobbuh.

L'imperatur irrabja tant, illi ordna li Katarina tgħaddi minn tormenti liema bħalhom. Fl-aħħar iddecieda li jaqtgħalha rasha. Dan l-att barbaru ta' Maximinus seħħ madwar is-sena 310. Ta' min jgħid li l-filosofi nsara jħarsu lejn Santa Katarina bħala l-patruna tagħhom. Leġġenda tgħid li l-ġisem tal-qaddisa ttieħed mill-anġli fuq il-Muntajna Sinai. Dwar dan hemm referenza fil-kolletta tal-quddiesa ta' Santa Katarina.

Il-qima lejn din il-qaddisa malajr xterdet fost l-Insara u f'Malta waslet ukoll; tant li għandna żewġ parroċċi li għażluha bħala l-patruna tagħhom: Iż-Żejtun u ż-Żurrieq.

F'idejja għandi ħames innijiet miktubin fi żminijiet differenti li juru l-qima li teżisti fost iż-Żwieten lejn Katarina. Tnejn huma bit-Taljan, peress li hekk kienet id-drawwa f'pajjiżna fit-tletinjijiet; it-tlieta l-oħra li huma aktar reċenti nkitbu bil-Malti. B'danakollu, kif ser naraw, il-ħames kważi jmissu l-istess temi; kollha juru l-kobor ta' din il-qaddisa, quddiemna bħala Eroina Kristjana.

**L-ewwel Innu:**

l-ewwel Inno li għandi nkiteb bit-Taljan minn Dun Mikiel Cassar għall-festal li kienet iċċelebrata fiż-Żejtun, nhar il-25 ta' Novembru 1936. Dan l-Inno kien immużikat mill-bravu surmast Carlo Diacono.

Dun Mikiel jibbaża t-temi ewlenija tiegħu fuq il-qawwa, il-kuraġġ u twemmin sod ta' din ix-xebba li tant ħabbet lil Kristu lil tat ħajjitha għalih wara li ġarrbet torturi liema bħalhom. Il-poeta jurina wkoll il-kobor t'Alla li waqaf magħha u lejn fl-aħħar jgħid lil Katarina:

Esulta! che il Nume – nel ciel or ti dona
L'aurea corona – lo scettro d'imper.

Kliem li jfakkar f'dak li kiteb darba San Pawl meta qal li wara li ġġieled il-ġlieda tal-ħajja u rebħet il-fidi kulma baqagħlu hu li jircievi l-coronam iustitiae quam reddet mihi Dominus non solum autem mihi sed et iis qui diligunt adventum eius. Hekk San Pawl jistenna l-"kuruna tal-ħaqq" li-Mulej jagħti lil dawk li jħabbru l-miġja tiegħu.

Dun Mikiel Cassar bena l-peożija tiegħu fuq il-vers tas-sitta u poġġa żewġ versi ħdejn xulxin. Iżda r-rima tinsab fl-ewwel u fit-tieni vers; fit-tielet u f'nofs ir-raba'. Rima xejn komuni għal dawk lż-żminijiet.

**It-Tieni Innu:**

It-tieni Inno miktub mill-avukat u poeta Carmelo Mifsud Bonniċi (il-Gross) inkiteb għall-festa li kienet iċċelebrata fil-25 ta' Novembru 1937 u kien immużikat ukoll minn Mro. Carlo Diacono

Bħal poeta ta' qablu Mifsud Bonnici iħares lejn il-virtujiet li bihom kienet imżejjna Katarina. Fosthom il-virtu' tas-safa. Għalhekk isejħilha o bianca colombella. Ma tonqosx nota ta' eroiżmu Kristjan u l-għożża li l-poplu Żejtuni għandu għall-qaddisa patruna tiegħu.

l-avukat Mifsud Bonnici jtemm il-poeżija tiegħu billi jisħaq dwar il-premju mistħoqq li kisbet din ix-xebba qaddisa billi żammet soda u ma ċedietx qatt quddiem il-ħażen tal-bnedmin. U allura l-poeta jgħidilha:

Poi con le palme e l laur
dai ciel letorme angeliche
a Te festante scendono
seco a rapirTi su.

Il-versi li ħaddem Mifsud Bonnici huma aktar semplici u mxejja għal din it-tip ta' poeżija. Il-poeta għamel użu mill-vers tas-sebgħa imsawra fi kwartini rrimati alternat.

**It-Tielet Innu:**

It-tielet Innu nkiteb minn Emmanuele Palmier Cecy fl-1943. Dan kien immużikat minn Dun Lawrenz Mifsud. Filwaqt li ż-żewġ Innijiet l-oħra kienu ta' sitt strofi l-wieħed dan iħaddan sitt strofi u ritornell.

It-temi li jittrata Palmier Cecy huma simili għaż-żewġ Innijiet ta' qabel fejn jispikkaw il-virtujiet li bihom kienet imżejna Katarina fosthom il-kuraġġ, is-safa ta' ruħha u l-fidi kbira li kellha f'Alla. Hi li għażlet lil Kristu bħala l-għarus tagħha, baqgħet fidla lejh sa l-aħħar. Imbagħad irceviet il-ħlas ta' għemilha.

Meddejt rasek għall-mannara
x'hin mill-anġli mdawra kont;
temmejt ħajtek b'rebħa kbira
fi ħdan Alla tgawdi mort.

Peress li dan huwa Innu, allura wieħed jistenna li jsib xi tip ta' ritornell kif fil-fatt hawn. Il-kwartini huma msejsa fuq il-vers tat-tmienja bir-ritmu mqabbża. b'hekk il-poeżija tieħu aktar sura popolari u tista' titkanta facilment.

Żewġ innijiet miktubin fi żminijietna:

Għandna mbagħad xogħol tal-poeta Slimiż, Raymond Mahoney miktub propju għall-okkazzjoni ta' din is-sena; xogħol li ġie mmużikat minn Dun Victor Scicluna. Mahoney sar lħobb jikteb versi u proża marbutin mal-festi tagħna u ħafna drabi jorbot il-kitbiet tiegħu ma' temi reliġjuzi.

F'dan Innu mqassam fi tliet strofi ta' seba' versi l-waħda, l-poeta kif għemlu ta' qablu, ifaħħar lil Katarina għall-kuraġġ li wriet quddiem Maximinus u l-Qorti tiegħu. fl-istess waqt huwa jpoġġiha quddiemna bħala eżempju ħaj ta' kif in-Nisrani għandu jġib ruħu f'cirkostanzi fejn ikun irid jistqarr fil-beraħ it-twemmin li jħaddan u jagħti xhieda tiegħu mingħajr biża'. Fl-aħħarnett, Mahoney ifakkar ir-rabta li eżistiet sa mill-qedem bejn il-Belt Beland u din il-qaddisa.

Katarina ma' din beltek marbuta
minn żmien bikri ma' ismek magħquda
tweġġaħ 'l Alla u lilek tfaħħar
Katarina ħarisna f'kull żmien.

Kelma żgħira dwar il-metrika. Il-poeta ħaddem il-vers tad-disgħa fl-ewwel tliet versi, imbagħad fir-raba' u l-ħames għamel użu mill-vers endeksillabu, filwaqt li l-aħħar żewġ versi huma tal-għaxra. Kull strofa tispiċċa bl-istess frażi: f'kull żmien.

l-aħħar Innu huwa xogħol ta' Trevor Żahra miktub għall-Għaqda Banda Żejtun. Huwa Innu twil b'diversi ripetizzjonijiet. Imma kif għedt qabel, il-poeti li nisġu dawn il-versi kollha ppruvaw joħorġu fil-beraħ il-virtujiet li bihom kienet imżejna din il-qaddisa; u dan għamluh biex ipoġġuha quddiemna bħala mudell li jgħodd għal kull żmien.

Interessanti f'dan l-Innu huwa l-appell li l-poeta jagħmel liż-żgħażagħ tagħna. Filwaqt li jesprimi t-tħassib tiegħu għall-perikli li dawn iż-żgħażagħ huma mdawrin bihom, ifakkarhom f'Katarina u fil-mod kif din aġixxiet meta sabet ruħha fis-siegħa tal-prova. Żahra jesprimi t-tama tiegħu li raħal twelidu jibqa' fil-ġejjieni magħqud ma' Santa Katarina kif dejjem kien fil-passat.

Peress li l-poeżija hija twila hi mqassma f'diversi strofi. Il-poeta ħaddem versi mħalltin, imma r-ritmu ma tonqosx, kif wara kollox hi meħtieġa f'Innijiet bħal dawn.

**Għeluq:**

Ma rridx nagħti l-impressjoni li tul is-snin dawn il-ħames Innijiet biss inkitbu ad unur Santa Katarina V.M. patruna tal-Belt Beland. Min jaf kemm inkitbu aktar! Iżda lili ngħatawli dawn biex nikkummenta dwarhom. Nittama li l-kitba tiegħi tikxef l-imħabba li l-poplu Żejtuni dejjem kellu lejn il-qaddisa patruna tiegħu u J'Alla din l-istess imħabba tibqa' sħiħa lejha fil-futur.

Tajjeb li wieħed ifakkar illi din il-qaddisa li hija ta' eżempju għalina lkoll. Wara kollox, ma ninsewx li l-poeti huma rappreżentanti tal-poplu, għalhekk il-versi li jinsġu huma wkoll ix-xewqat, il-ħsibijiet, is-sentimenti u l-emozzjonijiet ta' dawk ta' madwarhom.


Schembri Marbles

**Granite, Marble & Resin Works**

*Dawret Ħal Għaxaq - Għaxaq*

*Tel. Workshop 2167 8608 • Showroom - 2167 2210*

*Mobile: 9949 9692*

*Showroom Hours: Summer 6.00pm - 8.00pm • Winter 5.30pm - 7.30pm*